IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 8 ta' Mejju 2013 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-5:45 p.m. |

***Wieġeb it-taqsimiet kollha tal-karta.***

***L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.***

## L-EWWEL TAQSIMA

## 1. Il-Komponiment (25 marka)

**Ikteb madwar 400 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti:**

a. Il-widien.

b. Min jorqod ma jaqbadx ħut.

ċ. Dak il-ħin ridt l-art tiblagħni.

d. Il-komunikazzjoni llum.

e. Ikteb taħdita li se taqra quddiem l-istudenti tal-iskola tiegħek fuq l-importanza tal-eżerċizzju fiżiku fil-ħajja tal-bniedem.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## IT-TIENI TAQSIMA

## 2. Fehim it-Test (50 marka)

**Aqra sewwa din is-silta:**

**L-ANNIVERSARJI TA' NIES KBAR**

F'dawn l-aħħar snin kellna ħafna anniversarji: dak tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta, dak tal-Assedju l-Kbir u dak tal-Fondazzjoni tal-Belt Valletta. Il-Gvern u l-poplu għamlu festi kbar biex ifakkru kif jixraq dawn il-ġrajjiet nazzjonali. It-tifkira ta' ġrajjiet bħal dawn hi ta' min ifaħħarha għax tqajjem ħeġġa fin-nies u tqanqalhom għall-imħabba lejn art twelidhom. Iżda barra l-ġrajja jkun hemm ukoll persunaġġi li jagħmlu ġieħ kbir lin-nazzjon tagħhom.

Nies kbar li ħadmu għal art twelidhom jew li sfawlha ta' ġieħ bil-għerf, bil-għaqal, bil-ħila u bl-irġulija tagħhom, jistħoqqilhom għożża u unur xejn anqas minn ġrajjiet storiċi, anzi, biex ngħidu hekk, imisshom ikunu stmati wisq aktar għax filwaqt li l-ġrajjiet storiċi jistgħu jitnisslu minn ċirkostanzi mhux mistennija, il-ħidma tan-nies kbar titwettaq bit-tħabrik u bir-rieda tagħhom infushom, u għalhekk aktar fiha sentimenti umani minn fatti li ġraw għax iċ-ċirkostanzi ġiebu hekk.

It-tifkira ta' nies kbar aktar imissha tkun għal qalb kull wieħed jew waħda minna, għax f'dak il-persunaġġ kbir, nistgħu naraw mhux ġrajja, imma persuna li kienet tgħix u taħseb u tħabrek fl-art tagħna, li kienet tiffrekwenta l-postijiet li noqogħdu fihom aħna, li kienet tieħu sehem fil-ħajja ta' nannietna, li swiet biex tjiebet il-qagħda tagħna tal-lum jew biex fetħitilna moħħna u għaddejna 'l quddiem fit-triq tal-progress.

L-eżempju ta' nies bħal dawn għandu jservi ta' ħeġġa, ħrara u tagħlima lil dawk li jgħixu warajhom, imma hu dmir ta' dawn tal-aħħar li ma jinsewx il-kbar ta' qabilhom, li jgħożżu t-tifkira tagħhom, li jimxu fit-triq li fetħu dawn il-persunaġġi. Meta poplu jagħti ġieħ lin-nies kbar tiegħu jkun qiegħed jgħolli lilu nnifsu u lil pajjiżu fost il-għaqda tal-ġnus u jkun qiegħed jitqies magħhom f'dak li hu tajjeb, xieraq u sabiħ, ta' ġid u ta' fejda.

Imma biex nagħmlu hekk jeħtiġilna ma ninsewx lill-kbar tagħna. B'xorti ħażina ftit jew xejn qiegħed isir biex infakkru lil dawk ta' qabilna li jistħoqqilhom kull ġieħ. L-iskejjel, il-għaqdiet, il-korpi kostitwiti, il-Gvern, imisshom jieħdu ħsieb dan in-nuqqas. L-aħjar ħaġa tkun li kull sena tinxtered lista ta' anniversarji fost l-iskejjel, il-każini, il-għaqdiet u s-soċjetajiet, lista li tista' tkun imħejjija minn kummissjoni ta' nies maħturin mill-Gvern.

Din il-lista jmissha tintbagħat lill-iskejjel biex is-Surmastrijiet ifakkru lill-istudenti l-isem ta' nies kbar u jfissrulhom x'kienet il-ħidma tagħhom. Tintbagħat ukoll lill-għaqdiet u lill-każini biex dawn jitħajru jiċċelebraw kif jixraq it-tifkira ta' persunaġġi li għamlu ġieħ lil pajjiżna. Barra minn dan, biex tkun xi ħaġa aktar nazzjonali, tkun ħaġa xierqa u ta' min ifaħħarha jekk il-Gvern jagħti xhieda ta' patrijottiżmu billi joħroġ sett ta' bolli li jfakkru xi wieħed jew aktar minn dawn il-persunaġġi.

(adattament tal-editorjal ta' *Il-Malti* ta' Marzu 1967)

## 2a. Mistoqsijiet (2 marki kull mistoqsija)

**Wieġeb kull mistoqsija FI KLIEMEK. Jitnaqqsu l-marki jekk it-tweġibiet ikunu kkuppjati kelma b'kelma mis-silta.**

(i) Liema avvenimenti tfakkru fis-sittinijiet?

(ii) Fisser fi kliemek għaliex pajjiż għandu jfakkar ġrajjiet kbar li seħħew fil-passat.

(iii) X'għamlu dawk in-nies kbar ta' pajjiżna biex nibqgħu nfakkruhom?

(iv) X'inhi l-opinjoni tal-kittieb dwar jekk il-poplu Malti jiftakarx fin-nies kbar ta' pajjiżu?

(v) Liema tliet suġġerimenti jagħmel il-kittieb fl-aħħar paragrafu?

(vi) Xi jkun qed jagħmel poplu meta jagħti ġieħ lin-nies kbar tiegħu?

## 2b. Għarfien tal-Lingwa fl-Aspetti Tagħha / Lessiku

(i) Fisser il-kliem b'sing taħtu fi kliemek skont is-sens tas-silta. (6 marki)

(a) …tqanqalhom għall-imħabba lejn art twelidhom.
(b) …jistħoqqilhom għożża…
(ċ) …fetħitilna moħħna u għaddejna 'l quddiem fit-triq tal-progress.

(ii) Liema kelma jew parti minn sentenza fis-silta għandha din it-tifsira? (6 marki)

(a) Tmur spiss (minn paragrafu 3)
(b) Għandhom jirranġaw dan id-difett (minn paragrafu 5)
(ċ) Juri li jħobb lil pajjiżu (minn paragrafu 6)

## 2ċ. Lingwa u Grammatika (18-il marka)

(i) Mill-ewwel paragrafu sib u ikteb frażi fl-Istat Kostrutt.

(ii) Aqleb għas-singular il-frażi *ġrajjiet storiċi.*

(iii) Agħti l-plural miksur u d-diminuttiv tal-kelma *triq.*

(iv) Oħroġ aġġettiv min-nom *progress.*

(v) Minn liema nom hi mnissla l-kelma *stmati*?

(vi) Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż 'hom' fil-verb *jistħoqqilhom* f'paragrafu 2?

(vii) Oħroġ verb mill-aġġettiv *nazzjonali.*

(viii) Ta' liema forma hu l-verb *tinxtered*?

(ix) Aqleb fil-passat *jmissha tintbagħat.*

(x) Oħroġ żewġ (2) nomi oħra fil-plural minn *persunaġġi.*

(xi) Sib u ikteb żewġ (2) prepożizzjonijiet bl-artiklu mehmuż magħhom f'paragrafu 4.

(xii) Sib u ikteb żewġ (2) parteċipji passivi minn paragrafu 5.

## 2d. Aspett Simboliku

(i) Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn l-idjomi biex toħroġ it-tifsira tagħhom: (4 marki)

(a) minn sbieħ Alla (b) daħħal fellus f'rasu

(ii) Fisser dawn iż-żewġt iqwiel fi kliemek: (4 marki)

(a) Iż-żejt dejjem jitla' f'wiċċ l-ilma. (b) Min jagħmel li jrid jieħu milli ma jridx.

## IT-TIELET TAQSIMA

**Wieġeb mistoqsija WAĦDA:** (10 marki)

## 3a. Ir-Rapport

Ikteb rapport ta' madwar 100 kelma dwar attività li saret biex tfakkar xi persunaġġ Malti famuż (li jista' jkun kemm mara u kemm raġel).

**JEW**

## 3b. It-Taqsira

Qassar **fi kliemek** f'madwar 100 kelma s-silta ta' Taħriġ il-Fehem (ara paġna 2).

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II A |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2013 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

Wieġeb **erba'** mistoqsijiet:

- **tnejn** mill-Ewwel Taqsima – *Ir-Referenza għall-Kuntest* – (poeżija waħda minn 1 u 2, u proża waħda minn 3 u 4;

**U**

- **tnejn** mit-Tieni Taqsima – *Il-Komponiment Letterarju* – (komponiment wieħed minn kull sezzjoni ta' din it-taqsima).

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA**
**Taqsima Poeżija**
**Ir-Referenza għall-Kuntest**
**Tema:** ***Ġrajja u Identità***

Agħżel POEŻIJA WAĦDA minn poeżija 1 jew poeżija 2.

**1. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** (15-il marka)

(silta minn) ***L-Għanja tar-Rebħa***, Dun Karm Psaila

Iżda fi lsienek ngħannihielek l-għanja
li ġewwa qalbi jien sawwart għalik,
u niktibha bid-demm li tatni ommi
nixtieq, ja Malta, biex ħaqqek nagħtik;

għax Malti kien id-demm li ċarċar jikwi
fuq is-swar tiegħek, l-ogħna rahan ta' ġieħ!
Maltija l-qalb li żammet f'baħar niket
sakemm żernaq tar-Rebħa l-jum sabiħ.

Għidli, ja xemx, fil-mixja ta' kull sena,
li tkejjel biha l-ġrajja tal-bnedmin,
qatt rajt ħaġa isbaħ minn Sant Iermu tagħna?
qatt rajt iljuni eħrex mill-Maltin?

Għax huma raw jitkissru waħda waħda
l-imrammi tal-iswar taħt in-nirien,
iżda ħilithom ma nkisritx u l-għadu
hemm sabhom jistennewh taħt is-sisien:

u l-aħħar wieħed li ġo qalbu dieħla
ħass ix-xafra qattiela, u sfar, u miel,
għajjat ismek, ja Malta, u lil min qatlu
urieh in-naħa l-oħra 'l San Mikiel;

u għadha tidwi dik il-għajta mqaddsa
kull meta l-baħar mill-Grigal milqut
igerbeb bħal għedewwa l-ħalel kiefra
tal-kbir Sant Iermu fuq l-imġarrba xtut.

Xi swew l-iġsma ta' dawk il-qalbenija
li l-Mislem ħajjen sammar fuq l-għuwied
u b'theddida 'l oħrajn b'għathom mal-mewġa
b'ħalfa li f'Malta ma jibqax ulied?

Għemil imdemmem ma jbeżżax iljuni.
Għal dik il-ħalfa wieġbet oħra: in-nar
leħħ minn Sant Anġlu u San Mikiel, u dehru,
anġli ta' wens, in-nisa fuq l-iswar. [...]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta ta' poeżija. (3 marki)

b. Dun Karm jiftaħ il-poeżija billi jagħti importanza lil element partikolari.
   i) X'inhu dan l-element? (marka)
   ii) Għaliex jagħtih importanza? (2 marki)

ċ. i) Fisser il-kuntrast li jibni l-poeta fis-seba' strofa bejn il-Maltin u l-għedewwa Misilmin. (marka)
   ii) B'liema eżempju juri din il-kwalità fil-Misilmin? (2 marki)

d. i) Mill-poeżija sib u ikteb eżempju ta' mistoqsija retorika. (marka)
   ii) X'effett għandha din il-mistoqsija retorika? (2 marki)

e. Fisser għaliex din is-silta ta' poeżija għandha tagħmel sehem mit-tema **Ġrajja u Identità**. (3 marki)

**JEW**

**2. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** (15-il marka)

***F'Ħaġar Qim***, Ġorġ Pisani

Qamar ta' Mejju, tgħid 'il ħadd illejla
Għala ġejt waħdi f'dan l-imkien ħemdieni;
Irrid f'dal-maqdes għal ftit ngħix ta' Malta
Mal-ġens ewlieni.

Mur, qamar twajjeb, mur, ħallini waħdi,
Ninsa lid-dinja, lill-bnedmin, ġrajjieti,
Irrid nintilef fil-jiem sbieħ li taru
Bi ħsibijieti.

Iskot, hawn huma, qed joqorbu, dieħla
It-tfajliet somor, qalb l-għajjat u l-għana,
Kemm kemm mistura, u bla ħżiem xuxithom,
Miexja daħkana.

Waqfu; mill-midbaħ tielgħa daħna kbira,
Tferrxet mal-maqdes qatgħa sħab sewdiena,
It-tfajliet waqgħu wiċċhom fl-art jixehru,
Jittallbu l-ħniena.

Tbexxqet purtiera; minn ġod-dħaħen ħarġu
Tnejn lebsin l-aħmar b'ħafna deh'b fuq rashom,
Tlellix ta' ġmiemen, rand u liedna friska
Tħaddar ma' ngħashom.

Refgħu dirgħajhom, b'leħen qawwi għajtu:
"Żgħażagħ, itolbu hawn, isahru magħna,
Lill-allat sebbħu għall-ħelsien u r-rebħa
Ta' Malta tagħna."

It-tfajliet qamu, b'ilħna sbieħ bdew jgħannu:
"Tinżel fuq artna tal-allat kull barka,
Tilħaq lill-għadu, illi ġej jirkibha,
Il-mewt u l-għarqa."

Qamar ta' Mejju, la tħarisx bil-ħniena
Fuq din iż-żifna minn ta' ħsibijieti.
Din ma hix ħolma, din għexuha kollha
Missirijieti.

Għalhekk, ja maqdes, illi għadek fostna
Tfakkar l-imħabba u l-ġrajjiet ta' jiemek,
Inħoss xi jġagħ'lni għarkupptejja b'qima
Ninżel quddiemek.

Daqs San Lawrenz u daqs Sant Anġlu ngħożżok,
Għalkemm imħandeb qalb sisien u tiegħi,
Għax rajt il-ħalfa, rajt it-talb għar-rebħa
Ta' Malta tiegħi.

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. (4 marki)

b. *"...din iż-żifna minn ta' ħsibijieti."*
   i) X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu f'din il-frażi? (marka)
   ii) X'effett joħloq il-poeta b'din il-figura tat-taħdit? (2 marki)

ċ. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (4 marki)

d. Ikteb mill-inqas żewġ raġunijiet għaliex din il-poeżija għandha tagħmel sehem mit-tema **Ġrajja u Identità.** (4 marki)

**Taqsima Proża**
**Ir-Referenza għall-Kuntest**
**Tema: *Ġrajja u Identità***

Agħżel SILTA TA' PROŻA WAĦDA minn proża 3 jew proża 4:

**3. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** (15-il marka)

(Silta minn) ***Il-Malti – L-Ilsien Nazzjonali Tagħna*,** Manwel Mifsud

Sa mill-ewwel snin ta' tfulitna nibdew nintebħu li aħna aħna, li aħna m'aħniex l-oħrajn. Li għalkemm nikkomunikaw ma' ta' madwarna u magħhom naqsmu ferħ, niket u esperjenzi oħra, għandna xejriet li jagħżluna minnhom u jagħtuna l-individwalità tagħna. Dan nindunaw bih aħna, u jindunaw aktar bih l-oħrajn, li jagħrfu jaddattaw ruħhom għall-karattru partikolari tagħna.

U ngħaddu żmien taħt il-ħakma ħelwa ta' dawk li jħobbuna: il-ġenituri, il-qraba, l-għalliema. U taħt din il-ħakma mhux l-ewwel darba nħossuna nirribellaw għax nifhmu li dak li jriduna nagħmlu huma – wisq aktar imġarrba minna – ma jaqbel xejn ma' dak li nħobbu u nixtiequ nagħmlu aħna. Nibdew nindunaw li fil-komunikazzjoni ta' bejnietna hemm fehmiet u interessi li ġieli ma jaqblux, jekk ma jkunux ukoll il-kawża ta' xi tilwimiet żgħar.

Imma dat-tiġrib innifsu u s-snin li jgħaddu ħelu ħelu minn fuqna jgħallmu lilna wkoll u jwassluna fuq l-għatba ta' żgħożitna. Issa l-għafsa tar-rieda tal-ġenituri fuqna tirtab, ir-riedni li bihom mexxewna s'issa jitwalu, u l-karattru u l-identità tagħna jsibu aktar wisa' fejn jimirħu, jirgħu u jsaħħu n-nervituri tagħhom. U fehmitna, li s'issa kienet meqjusa b'logħob tat-tfal, issa tibda tintiżen u tittieħed bis-serjetà. Inkunu qed insiru tabilħaqq adulti fid-dinja tal-kbar; individwi li nikkomunikaw mal-oħrajn, imma individwi b'karattru u identità tagħna, li trawmu fina sa minn ċkunitna u ntgħażlu mill-karattri ta' madwarna.

Dan l-iżvilupp iseħħ f'kull wieħed minna, imma jseħħ mhux inqas fil-ħajja ta' bosta popli, fosthom il-poplu Malti. Hu wkoll kellu l-bidu tiegħu, moħbi fid-dlam tal-preistorja, u tfulitu wisq drabi mħabbta u mwiegħra. Hu wkoll għadda sekli twal taħt il-madmad ta' qawwiet barranija, u kellu jbaxxi rasu għar-rieda tagħhom u jduq kemm-il darba ċ-ċaħda u t-tkasbir ta' drittijietu. Minn kmieni nduna li x-xewqat tagħhom mhumiex xewqatu, li l-interessi tagħhom mhumiex tiegħu. Imma, poplu żgħir f'art fqira mir-riżorsi, kien jiddependi wisq minnhom fis-sliem u fil-gwerra, u bilkemm ma darax iqis ruħu b'tallab jew ilsir li ma baqagħlux ħlief li jittallab u jistenna l-loqma tal-ħakkiem. B'hekk il-Malti safa mjassar f'artu stess, waqt li saltna wara saltna ta' ġnus barranija għaddew minn fuqu kif il-mewġ jaħbat u jitkisser fuq l-imħara mqabbda mal-blat. Iżda f'din il-ġlieda maż-żmien u ċ-ċirkostanzi, il-poplu Malti donnu ntebaħ li, jekk ma kellux l-għana u l-forza tal-ħakkiema tiegħu, f'idejh kellu qawwa ikbar: il-qawwa taż-żmien, tal-kontinwità tat-tradizzjonijiet tiegħu fuq din l-art żgħira, f'kelma waħda tal-identità tiegħu. Il-ħakkiema kienu jiġu u jmorru, iħarbtu, jibnu u jitilqu, imma hu kien dejjem hawn, dejjem ikompli, dejjem jaħdem u jżid. U fuq din il-blata żgħira kien aqwa mis-sidien tiegħu għax eqdem minnhom. It-tempji qodma tal-ħaġar wieqaf, l-irziezet u l-giren, il-knejjes għeżież kienu tiegħu. Il-widien għammiela u x-xagħri mikwi, il-ħitan tas-sejjieħ, is-siġar tal-ħarrub u tat-tin, is-sagħtar, il-kappar, l-għolliq, l-għanja bla hedu tal-werżieq kienu tiegħu. Tiegħu kienu l-ħila fit-tbaħħir, l-għerf bla miktub tal-istaġuni tal-biedja, il-kisra antika tal-għanja, il-ġabra tad-dar, l-għożża tal-ulied, is-sabar u t-tama f'Alla fil-għawġ qalil. Tiegħu fuq kollox kien l-ilsien Malti, wirt qadim minsuġ matul is-snin mal-ħajja tiegħu u mgħoddi u msoffi minn fomm għal fomm, minn missier għal iben. [...]

**Wieġeb:**

a. Fisser ix-xebh li qed jagħmel l-awtur bejn l-ewwel tliet paragrafi u r-raba' wieħed. (4 marki)

b. *"...il-ħakma ħelwa ta' dawk li jħobbuna..."*
   i) Fisser din il-kwotazzjoni. (marka)
   ii) X'effett toħloq din il-kwotazzjoni? (3 marki)

ċ. L-awtur fir-raba' paragrafu juża l-kelma *"ħakkiema"* diversi drabi. X'effett għandha din ir-repetizzjoni? (3 marki)

d. Għaliex l-awtur iqis l-ilsien Malti bħala element ewlieni tal-identità Maltija? (4 marki)

**JEW**

**4. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** (15-il marka)

(Silta minn) ***Taħt in-Nar***, Ġużè Chetcuti

[...]

L-istess tisfir u ħsejjes li jnizzlulek imsarnek f'saqajk, theżżiż tal-biża' tistħajjel l-art se tinqala' u tinfetaħ taħtek, foga ta' trab u rjieħ sħan għaddejja ma jaqtgħu xejn.

*"Ġesù, Ġużeppi, Marija,*
*Agħmlu li l-bombi jinżlu fil-ħamrija!"*

talbet xwejħa tixher u tibki, b'idejha mqabbdin ma' xagħarha, mitfugħa għarkopptejha quddiem kwadru ċkejken ta' Ġesù Msallab b'xemgħa tixgħel u ftit ward maqtugħ frisk quddiemu.

"Madonna, eħlisna Int minn dal-flaġell li sibna ruħna fih," talbu l-oħrajn.

"Għidu miegħi, uliedi: Qaddisa, Marija Omm Alla …"

"Isktu, qed nisma' sewwa? Din is-sirena?"

"Iva, għadda kollox. Niżżuħajr 'l Alla. Kulħadd irodd is-salib!"

Imma ma laħqux għaddew ħames minuti li s-sirena ma reġgħetx bdiet tnewwaħ mill-ġdid, tħabbar li mewġiet oħra ta' ajruplani kienu ġejjin. L-istess storja, l-istess ġenn, l-istess tisfir, twerdin, taqlib, tħarbit, għajjat, biki, talb u sparar.

Malta għaddiet dakinhar filgħodu mill-magħmudija tan-nar.

Ma' nofsinhar in-nies, l-aktar tat-Tlett Ibliet, bdew jaħsbu biex iġorru għal xi raħal, hu fejn hu, basta jkunu fiż-żgur.

Karozzi, karozzini, karettuni wara l-bibien, kulħadd jgħabbi. Għamara, kull ħaġa ta' siwi, għabbiha ħa mmorru. Minn Bormla, mill-Birgu, mill-Isla, xmara ta' nies ħierġa, ma taqta' xejn. Xjuħ imwieżna fuq bsaten jew fuq spallejn iż-żgħażagħ, irġiel b'sarar kull waħda daqsiex mgħobbija fuq daharhom, nisa jqandlu b'uliedhom jew iġorru ftit imbarazz li ma tathomx qalbhom iħalluh warajhom, it-tfal il-kbar jerfgħu u jagħtu daqqa t'id huma wkoll. Kulħadd miexi, kulħadd ħiereġ, ħafna ma jafux fejn se jagħtu rashom. Ħafna ma jafux liema qalb tajba ser tilqagħhom. Ħafna ma jħabblux rashom jekk humiex ser jorqdu f'xi għalqa fil-beraħ inkella taħt is-saqaf ta' xi dar, basta jmorru xi mkien fejn iħossu rwieħhom żguri li l-bombi mhux ser jilħquhom.

[...]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta ta' proża. (4 marki)

b. i) X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi *"...magħmudija tan-nar?"* (marka)
ii) X'effett joħloq l-awtur b'din il-figura tat-taħdit? (2 marki)

ċ. Islet żewġ kwotazzjonijiet mis-silta li permezz tagħhom l-awtur juri l-inċertezza li n-nies sabu ruħhom fiha. (2 marki)

d. i) L-aħħar paragrafu huwa deskrittiv jew riflessiv? (marka)
ii) Ikteb għaliex. (2 marki)

e. Ikteb għaliex din is-silta għandha tagħmel sehem mit-tema **Ġrajja u Identità**. (3 marki)

## IT-TIENI TAQSIMA
## Il-Komponiment Letterarju

(35 marka kull waħda)

Ikteb komponiment letterarju ta' madwar **400 kelma** fuq Tema minn Sezzjoni A u fuq Tema minn Sezzjoni B.

**Sezzjoni A**

**5a. Tema: Il-Protesta**

Biex tagħmel protesta m'hemmx għalfejn tinżel tiġġieled fit-toroq. Uri kif il-poplu Malti pprotesta b'modi differenti meta ra inġustizzji jseħħu madwaru, skont dak li studjajt fil-poeżiji u s-siltiet ta' proża fit-tema **Il-Protesta.**

**JEW**

**5b. Tema: Karattri**

Kull bniedem għandu l-karattru tiegħu bit-tajjeb u l-ħażin. Ikkummenta dwar karattri differenti li niltaqgħu magħhom fil-kitbiet miġburin fit-tema **Karattri.**

**Sezzjoni B**

**6a. Tema: Ir-Rispett fil-Familja**

Il-ġenituri lesti li jagħmlu kollox għal uliedhom u l-ulied lesti li jagħmlu kollox għall-ġenituri tagħhom. Fisser kif joħroġ dan skont ix-xogħlijiet ta' poeżija u proża li studjajt fit-tema **Ir-Rispett fil-Familja.**

**JEW**

**6b. Tema: Tifkiriet**

Ladarba bniedem jgħaddi minn esperjenza ta' mħabba, jibqa' jiftakar fiha. Ikteb dwar kif il-kittieba jiftakru dwar dan is-sentiment fil-kitbiet li studjajt fit-tema **Tifkiriet.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2013 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

Wieġeb **erba'** mistoqsijiet:

- **tnejn** mill-Ewwel Taqsima – *Ir-Referenza għall-Kuntest* – (poeżija waħda minn 1 u 2, u proża waħda minn 3 u 4);

**U**

- **tnejn** mit-Tieni Taqsima – *Il-Komponiment Letterarju* – (komponiment wieħed minn kull sezzjoni ta' din it-taqsima).

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA**
**Taqsima Poeżija**
**Ir-Referenza għall-Kuntest**
**Tema: *Ġrajja u Identità***

Agħżel POEŻIJA WAĦDA minn poeżija 1 jew poeżija 2.

**1. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** (15-il marka)

(silta minn) ***L-Għanja tar-Rebħa***, Dun Karm Psaila

Iżda fi lsienek ngħannihielek l-għanja
li ġewwa qalbi jien sawwart għalik,
u niktibha bid-demm li tatni ommi
nixtieq, ja Malta, biex ħaqqek nagħtik;

għax Malti kien id-demm li ċarċar jikwi
fuq is-swar tiegħek, l-ogħna rahan ta' ġieħ!
Maltija l-qalb li żammet f'baħar niket
sakemm żernaq tar-Rebħa l-jum sabiħ.

Għidli, ja xemx, fil-mixja ta' kull sena,
li tkejjel biha l-ġrajja tal-bnedmin,
qatt rajt ħaġa isbaħ minn Sant Iermu tagħna?
qatt rajt iljuni eħrex mill-Maltin?

Għax huma raw jitkissru waħda waħda
l-imrammi tal-iswar taħt in-nirien,
iżda ħilithom ma nkisritx u l-għadu
hemm sabhom jistennewh taħt is-sisien:

u l-aħħar wieħed li ġo qalbu dieħla
ħass ix-xafra qattiela, u sfar, u miel,
għajjat ismek, ja Malta, u lil min qatlu
urieh in-naħa l-oħra 'l San Mikiel;

u għadha tidwi dik il-għajta mqaddsa
kull meta l-baħar mill-grigal milqut
igerbeb bħal għedewwa l-ħalel kiefra
tal-kbir Sant Iermu fuq l-imġarrba xtut.

Xi swew l-iġsma ta' dawk il-qalbenija
li l-Mislem ħajjen sammar fuq l-għuwied
u b'theddida 'l oħrajn b'għathom mal-mewġa
b'ħalfa li f'Malta ma jibqax ulied?

Għemil imdemmem ma jbeżżax iljuni.
Għal dik il-ħalfa wieġbet oħra: in-nar
leħħ minn Sant Anġlu u San Mikiel, u dehru,
anġli ta' wens, in-nisa fuq l-iswar. [...]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta ta' poeżija. (4 marki)

b. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (3 marki)

ċ. i) Sib metafora mit-tielet strofa u iktibha. (marka)
ii) Fisser l-effett li l-poeta joħloq b'din il-metafora. (2 marki)

d. Fisser il-kuntrast li jibni l-poeta fis-seba' strofa bejn il-Maltin u l-Misilmin. (2 marki)

e. Ikteb għaliex din il-poeżija għandha tagħmel sehem mit-tema **Ġrajja u Identità.** (3 marki)

**JEW**

**2. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** (15-il marka)

***F'Ħaġar Qim***, Ġorġ Pisani

Qamar ta' Mejju, tgħid 'il ħadd illejla
Għala ġejt waħdi f'dan l-imkien ħemdieni;
Irrid f'dal-maqdes għal ftit ngħix ta' Malta
Mal-ġens ewlieni.

Mur, qamar twajjeb, mur, ħallini waħdi,
Ninsa lid-dinja, lill-bnedmin, ġrajjieti,
Irrid nintilef fil-jiem sbieħ li taru
Bi ħsibijieti.

Iskot, hawn huma, qed joqorbu, dieħla
It-tfajliet somor, qalb l-għajjat u l-għana,
Kemm kemm mistura, u bla ħżiem xuxithom,
Miexja daħkana.

Waqfu; mill-midbaħ tielgħa daħna kbira,
Tferrxet mal-maqdes qatgħa sħab sewdiena,
It-tfajliet waqgħu wiċċhom fl-art jixehru,
Jittallbu l-ħniena.

Tbexxqet purtiera; minn ġod-dħaħen ħarġu
Tnejn lebsin l-aħmar b'ħafna deh'b fuq rashom,
Tlellix ta' ġmiemen, rand u liedna friska
Tħaddar ma' ngħashom.

Refgħu dirgħajhom, b'leħen qawwi għajtu:
"Żgħażagħ, itolbu hawn, isahru magħna,
Lill-allat sebbħu għall-ħelsien u r-rebħa
Ta' Malta tagħna."

It-tfajliet qamu, b'ilħna sbieħ bdew jgħannu:
"Tinżel fuq artna tal-allat kull barka,
Tilħaq lill-għadu, illi ġej jirkibha,
Il-mewt u l-għarqa."

Qamar ta' Mejju, la tħarisx bil-ħniena
Fuq din iż-żifna minn ta' ħsibijieti.
Din ma hix ħolma, din għexuha kollha
Missirijieti.

Għalhekk, ja maqdes, illi għadek fostna
Tfakkar l-imħabba u l-ġrajjiet ta' jiemek,
Inħoss xi jġagħ'lni għarkupptejja b'qima
Ninżel quddiemek.

Daqs San Lawrenz u daqs Sant Anġlu ngħożżok,
Għalkemm imħandeb qalb sisien u tiegħi,
Għax rajt il-ħalfa, rajt it-talb għar-rebħa
Ta' Malta tiegħi.

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. (4 marki)

b. i) Min huma t-*"Tnejn liebsin l-aħmar…"* li l-poeta jsemmi fil-ħames strofa? (marka)
ii) X'effett joħloq il-poeta meta jikteb li kienu mżejnin bid-deheb, rand u liedna ma' ngħashom? (2 marki)

ċ. Il-poeta juża vokabularju arkajku (antik) bħal *"midbaħ"* u *"maqdes."* Għaliex juża dan it-tip ta' vokabularju fil-poeżija? (2 marki)

d. Għaliex il-poeta jagħlaq il-poeżija bid-dikjarazzjoni li jgħożż lil Ħaġar Qim *"Daqs San Lawrenz u daqs Sant Anġlu…"*? (2 marki)

e. Ikteb għaliex din il-poeżija għandha tagħmel sehem mit-tema **Ġrajja u Identità.** (4 marki)

**Taqsima Proża**
**Ir-Referenza għall-Kuntest**
**Tema: *Ġrajja u Identità***

Agħżel SILTA TA' PROŻA WAĦDA minn proża 3 jew proża 4:

**3. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** (15-il marka)

(Silta minn) ***Il-Malti – L-Ilsien Nazzjonali Tagħna*****,** Manwel Mifsud

Sa mill-ewwel snin ta' tfulitna nibdew nintebħu li aħna aħna, li aħna m'aħniex l-oħrajn. Li għalkemm nikkomunikaw ma' ta' madwarna u magħhom naqsmu ferħ, niket u esperjenzi oħra, għandna xejriet li jagħżluna minnhom u jagħtuna l-individwalità tagħna. Dan nindunaw bih aħna, u jindunaw aktar bih l-oħrajn, li jagħrfu jaddattaw ruħhom għall-karattru partikolari tagħna.

U ngħaddu żmien taħt il-ħakma ħelwa ta' dawk li jħobbuna: il-ġenituri, il-qraba, l-għalliema. U taħt din il-ħakma mhux l-ewwel darba nħossuna nirribellaw għax nifhmu li dak li jriduna nagħmlu huma – wisq aktar imġarrba minna – ma jaqbel xejn ma' dak li nħobbu u nixtiequ nagħmlu aħna. Nibdew nindunaw li fil-komunikazzjoni ta' bejnietna hemm fehmiet u interessi li ġieli ma jaqblux, jekk ma jkunux ukoll il-kawża ta' xi tilwimiet żgħar.

Imma dat-tiġrib innifsu u s-snin li jgħaddu ħelu ħelu minn fuqna jgħallmu lilna wkoll u jwassluna fuq l-għatba ta' żgħożitna. Issa l-għafsa tar-rieda tal-ġenituri fuqna tirtab, ir-riedni li bihom mexxewna s'issa jitwalu, u l-karattru u l-identità tagħna jsibu aktar wisa' fejn jimirħu, jirgħu u jsaħħu n-nervituri tagħhom. U fehmitna, li s'issa kienet meqjusa b'logħob tat-tfal, issa tibda tintiżen u tittieħed bis-serjetà. Inkunu qed insiru tabilħaqq adulti fid-dinja tal-kbar; individwi li nikkomunikaw mal-oħrajn, imma individwi b'karattru u identità tagħna, li trawmu fina sa minn ċkunitna u ntgħażlu mill-karattri ta' madwarna.

Dan l-iżvilupp iseħħ f'kull wieħed minna, imma jseħħ mhux inqas fil-ħajja ta' bosta popli, fosthom il-poplu Malti. Hu wkoll kellu l-bidu tiegħu, moħbi fid-dlam tal-preistorja, u tfulitu wisq drabi mħabbta u mwiegħra. Hu wkoll għadda sekli twal taħt il-madmad ta' qawwiet barranija, u kellu jbaxxi rasu għar-rieda tagħhom u jduq kemm-il darba ċ-ċaħda u t-tkasbir ta' drittijietu. Minn kmieni nduna li x-xewqat tagħhom mhumiex xewqatu, li l-interessi tagħhom mhumiex tiegħu. Imma, poplu żgħir f'art fqira mir-riżorsi, kien jiddependi wisq minnhom fis-sliem u fil-gwerra, u bilkemm ma darax iqis ruħu b'tallab jew ilsir li ma baqagħlux ħlief li jittallab u jistenna l-loqma tal-ħakkiem. B'hekk il-Malti safa mjassar f'artu stess, waqt li saltna wara saltna ta' ġnus barranija għaddew minn fuqu kif il-mewġ jaħbat u jitkisser fuq l-imħara mqabbda mal-blat. Iżda f'din il-ġlieda maż-żmien u ċ-ċirkostanzi, il-poplu Malti donnu ntebaħ li, jekk ma kellux l-għana u l-forza tal-ħakkiema tiegħu, f'idejh kellu qawwa ikbar: il-qawwa taż-żmien, tal-kontinwità tat-tradizzjonijiet tiegħu fuq din l-art żgħira, f'kelma waħda tal-identità tiegħu. Il-ħakkiema kienu jiġu u jmorru, iħarbtu, jibnu u jitilqu, imma hu kien dejjem hawn, dejjem ikompli, dejjem jaħdem u jżid. U fuq din il-blata żgħira kien aqwa mis-sidien tiegħu għax eqdem minnhom. It-tempji qodma tal-ħaġar wieqaf, l-irziezet u l-giren, il-knejjes għeżież kienu tiegħu. Il-widien għammiela u x-xagħri mikwi, il-ħitan tas-sejjieħ, is-siġar tal-ħarrub u tat-tin, is-sagħtar, il-kappar, l-għolliq, l-għanja bla hedu tal-werżieq kienu tiegħu. Tiegħu kienu l-ħila fit-tbaħħir, l-għerf bla miktub tal-istaġuni tal-biedja, il-kisra antika tal-għanja, il-ġabra tad-dar, l-għożża tal-ulied, is-sabar u t-tama f'Alla fil-għawġ qalil. Tiegħu fuq kollox kien l-ilsien Malti, wirt qadim minsuġ matul is-snin mal-ħajja tiegħu u mgħoddi u msoffi minn fomm għal fomm, minn missier għal iben. [...]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta ta' proża. (3 marki)

b. i) X'inhi l-figura tat-taħdit li juża l-awtur fil-frażi *"...għaddew minn fuqu kif il- mewġ jaħbat u jitkisser fuq l-imħara mqabbda mal-blat."* (marka)
ii) Xi jrid ifisser b'din il-figura tat-taħdit? (2 marki)

ċ. Fir-raba' paragrafu l-awtur jirreferi għall-istorja ta' Malta bil-kelma *"tfulitu."* Ikteb xi jrid ifisser meta juża din il-kelma. (3 marki)

d. Ikkummenta dwar differenzi li jsemmi l-awtur bejn il-ħakkiem barrani u l-poplu Malti. (3 marki)

e. i) Semmi mill-inqas erba' elementi li skont l-awtur jiffurmaw l-identità Maltija. (2 marki)
ii) Liema hu l-element ewlieni li jagħtina identità? (marka)

**JEW**

**4. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** (15-il marka)

(Silta minn) ***Taħt in-Nar***, Ġużè Chetcuti

[...]

L-istess tisfir u ħsejjes li jniżżlulek imsarnek f'saqajk, theżżiż tal-biża' tistħajjel l-art se tinqala' u tinfetaħ taħtek, foga ta' trab u rjieħ sħan għaddejja ma jaqtgħu xejn.

*"Ġesù, Ġużeppi, Marija,*
*Agħmlu li l-bombi jinżlu fil-ħamrija!"*

talbet xwejħa tixher u tibki, b'idejha mqabbdin ma' xagħarha, mitfugħa għarkopptejha quddiem kwadru ċkejken ta' Ġesù Msallab b'xemgħa tixgħel u ftit ward maqtugħ frisk quddiemu.

"Madonna, eħlisna Int minn dal-flaġell li sibna ruħna fih," talbu l-oħrajn.

"Għidu miegħi, uliedi: Qaddisa, Marija Omm Alla …"

"Isktu, qed nisma' sewwa? Din is-sirena?"

"Iva, għadda kollox. Niżżuħajr '1 Alla. Kulħadd irodd is-salib!"

Imma ma laħqux għaddew ħames minuti li s-sirena ma reġgħetx bdiet tnewwaħ mill-ġdid, tħabbar li mewġiet oħra ta' ajruplani kienu ġejjin. L-istess storja, l-istess ġenn, l-istess tisfir, twerdin, taqlib, tħarbit, għajjat, biki, talb u sparar.

Malta għaddiet dakinhar filgħodu mill-magħmudija tan-nar.

Ma' nofsinhar in-nies, l-aktar tat-Tlett Ibliet, bdew jaħsbu biex iġorru għal xi raħal, hu fejn hu, basta jkunu fiż-żgur.

Karozzi, karozzini, karettuni wara l-bibien, kulħadd jgħabbi. Għamara, kull ħaġa ta' siwi, għabbiha ħa mmorru. Minn Bormla, mill-Birgu, mill-Isla, xmara ta' nies ħierġa, ma taqta' xejn. Xjuħ imwieżna fuq bsaten jew fuq spallejn iż-żgħażagħ, irġiel b'sarar kull waħda daqsiex mgħobbija fuq daharhom, nisa jqandlu b'uliedhom jew iġorru ftit imbarazz li ma tathomx qalbhom iħalluh warajhom, it-tfal il-kbar jerfgħu u jagħtu daqqa t'id huma wkoll. Kulħadd miexi, kulħadd ħiereġ, ħafna ma jafux fejn se jagħtu rashom. Ħafna ma jafux liema qalb tajba ser tilqagħhom. Ħafna ma jħabblux rashom jekk humiex ser jorqdu f'xi għalqa fil-beraħ inkella taħt is-saqaf ta' xi dar, basta jmorru xi mkien fejn iħossu rwieħhom żguri li l-bombi mhux ser jilħquhom.

[...]

**Wieġeb:**

a. Din is-silta ta' proża tinqasam f'żewġ partijiet.
   i) X'jgħid l-awtur fl-ewwel parti? (2 marki)
   ii) X'jgħid l-awtur fit-tieni parti? (2 marki)

b. i) X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi, *"…s-sirena ma reġgħetx bdiet tnewwaħ mill-ġdid, …"*? (marka)
   ii) X'effett joħloq l-awtur b'din il-figura tat-taħdit? (2 marki)

ċ. Sib żewġ kwotazzjonijiet mis-silta li permezz tagħhom l-awtur juri l-biża' li ħakmet lin-nies. (2 marki)

d. i) Liema element tal-identità Maltija l-aktar li jispikka f'din is-silta? (marka)
   ii) Sib żewġ kwotazzjonijiet mis-silta li permezz tagħhom nafu dan. (2 marki)

e. Ikteb għaliex din is-silta għandha tagħmel sehem mit-tema **Ġrajja u Identità**. (3 marki)

## IT-TIENI TAQSIMA
## Il-Komponiment Letterarju

Ikteb komponiment letterarju ta' madwar **<u>200 kelma</u>** fuq Tema minn Sezzjoni A u fuq Tema minn Sezzjoni B. (35 marka kull waħda)

**Sezzjoni A**

**5a. Tema: Il-Protesta**

Skont dak li jiktbu l-kittieba Maltin, il-poplu Malti għandu diversi nuqqasijiet fosthom l-intolleranza, is-superstizzjoni, l-apatija, il-preġudizzji u l-bqija. Fisser kif il-kittieba jiktbu dwar mill-inqas tnejn minn dawn in-nuqqasijiet fis-siltiet li nsibu fit-tema **Il-Protesta.**

**JEW**

**5b. Tema: Karattri**

Bniedem umli jiġbed is-simpatija lejh filwaqt li bniedem qarrieqi jiġbed l-antipatija lejh. Agħżel żewġ karattri li qrajt dwarhom fit-tema **Karattri** u għid kif insibu dan it-tip ta' nies fil-ħajja ta' madwarna.

**Sezzjoni B**

**6a. Tema: Ir-Rispett fil-Familja**

Ir-rispett bejn il-membri tal-familja jidher l-aktar meta jkunu għaddejjin minn mumenti diffiċli. Fisser dan billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew siltiet ta' proża li studjajt fit-tema **Ir-Rispett fil-Familja.**

**JEW**

**6b. Tema: Tifkiriet**

L-aktar li jiftakar il-bniedem huma t-tifkiriet koroh tal-passat. Ikteb sa fejn taħseb li dan huwa minnu billi tirreferi għal mill-inqas żewġ kitbiet li studjajt fit-tema **Tifkiriet.**